31999D0572

L 217/63 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.8.1999

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Awissu 1999**

**li taċċetta x-xogħlijiet midħula għalihom offruti f'konnessjoni mal-proċedimenti ta' kontra d-dumping li jirrigwardaw l-importazzjonijiet tal-ħbula u l-keblijiet tal-wajer ta' l-azzar li joriġinaw fr-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna**

*(notifikata skond id-dokument bin-numru Ċ(1999) 2701)*

(1999/572/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet tad-*dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], emendat bir-Regolament (KE) Nru 905/98 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 362/99 [3] il-Kummissjoni imponiet dazji proviżorji kontra d-*dumping* fuq l-l-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' ħbula u kejblijiet ta' l-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna, u aċċettat li tidħol għall-prezzijiet offruti minn ċerti podutturi esportaturi fil-Polonja u l-Ungerija.

(2) Wara l-adozzjoni tal-miżuri proviżorji kontra d-*dumping*, skond l-Artikolu 8(6) tar-Regolament 384/96 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Bażiku"), il-Kummissjoni ssoktat l-investigazzjoni dwar id-*dumping*, l-inġurja u l-interess Komunitarju. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet definittivi ta' l-investigazzjoni huma ddikjarati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 tat-12 ta' Awissu 1999 li jimponi dazju definittiv fuq l-importazzjoni ta' ħbula u kejblijiet ta' l-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna, u li jtemm il-proċediment legali kontra d-*dumping* rigward l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea [4].

(3) L-investigazzjoni kkonfermat is-sejbiet proviżorji tad-*dumping* inġurjuż li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjnijiet li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna.

(4) Sossegwenti għall-adozzjoni tal-miżuri proviżorji kontra d-*dumping*, produttur esportatur fl-Indja, il-produtturi esporttaturi fil-Messiku u fl-Afrika ta' Isfel u l-produttur esportatur fl-Ukrajna, f'għaqda ma' l-awtoritajiet Ukrajni, offrew ukoll xogħol li jindaħlu għall-prezzijiet skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Bażiku.

(5) Il-kondizzjonijiet ta' dawn ix-xogħlijiet midħula għalihom, b'mod partikolari l-prezzijiet minimi tal-bejgħ għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità ddikjarati fihom, jiżguraw illi l-effetti inġurjużi tad-*dumping* kif stabbilit fil-qafas tal-proċedimenti ta' kontra d-*dumping* preżenti jiġu eliminati.

(6) B'żieda ma' dan, ġaladarba l-produtturi esportaturi u l-awtoritajiet Ukrajni indaħlu li jissottomettu tagħrif iddettaljat u regolari lill-Kummissjoni u li ma jidħlux fi ftehimijiet diretti jew indiretti ta' kumpens mal-klijenti tagħhom fil-Komunità, ġie konkluż illi l-osservanza tax-xogħol midħul għalih jista' jiġi mmonitorjat effettivament mill-Kummissjoni.

(7) Rigward ix-xogħol midħul għalih offrut mill-produttur esportatur Ukrajnu, is-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni li trid tġi stabbilita mill-gvern Ukrajnu, li trid topera għattul taż-żmien tax-xogħol midħul għalih, trid tiżgura illi l-importazzjonijiet kollha ġewwa l-UE koperti bix-xogħol midħul għalih irid ikun f'linja mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fih.

(8) Minħabba dan ta' hawn fuq, ix-xogħlijiet midħula għalihom minn produttur esportatur mill-Indja, mill-produtturi esportaturi fil-Messiku u fl-Afrika ta' Isfel kif ukoll mill-produttur esportatur fl-Ukrajna huma kkunsidrati aċċettabbli u l-investigazzjoni tista' għalhekk tiġi tterminata rigward il-produtturi esportaturi interessati.

(9) Fl-eventwalità ta' ksur jew l-irtirar tax-xogħol midħul għalih, jista jiġi impost dazju definittiv kontra d-*dumping* skond l-Artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament Bażiku,

(1) ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1.
(2) ĠU L 128, tat-30.4.1998, p. 18.
(3) ĠU L 45, tad-19.2.1999, p. 8.
(4) Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Huma hawnhekk aċċettati x-xogħlijiet midħula għalihom offruti mill-produtturi msemmija hawn taħt, fil-qafas tal-proċedimenti ta' kontra d-*dumping* li jirrigwardaw l-ħbula u l-kejblijiet ta' l-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna.

| Pajjiż | Fabbrikant | Kodiċi addizzjonali tat-TARIC |
|---|---|---|
| Messiku | L-*Aceros Camesa SA*<br>Margerita Maza de Juárez No 154<br>Col. Nueva Ind. Vallejo<br>México D.F. C.P. 07700<br>Mexico | A022 |
| Afrika ta' Isfel | Il-Haggie<br>*Lower Germiston* Road<br>Jupiter<br>PO box 40072<br>Cleveland<br>South Africa | A023 |
| Indja | L-*Usha Martin Industries & Usha Beltron Ltd*, Shakespeare Sarani<br>Calcutta-700 071 India | A024 |
| Ukrajna | Il-*Joint Stock Company*<br>Silur<br>343700 Khartsyzsk<br>Donetsk Region<br>Ukraine | A025 |

2. L-investigazzjoni b'konnessjoni mal-proċedimenti kontra d-*dumping* riferita fil-paragrafu 1 hija hawnhekk magħluqa rigward l-partijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Awissu 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Monika WULF-MATHIES

*Membru tal-Kummissjoni*